MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 136/2006

**A magħrufa bħala A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-19 ta’ April 2006 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

Illi hija żżewġet lil C B nhar it-22 ta’ Frar 2003 (Dok A).

Illi miż-żwieġ tagħha ma’ l-intimat għandha tifla minuri li twieldet nhar il-25 ta’ Novembru 2003 (Dok B).

Illi l-ħajja miżżewġa bejn il-partijiet saret impossibbli minħabba nġurji gravi, eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi kif ukoll minħabba vjolenza da parti tal-intimat.

Illi r-rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tgħaddi għas-separazzjoni personali liema awtorizzazzjoni ngħatat l-ewwel fid-9 ta' Diċembru 2005 (Dok C) u din l-istess Qorti għoġobha tagħti estensjoni ta' xahrejn żmien oħra lir-rikorrenti biex tiftaħ din il-kawża permezz ta' digriet ulterjuri tat-13 ta' Marzu 2006 (Dok D).

Illi l-attriċi għamlet minn kollox sabiex issalva ż-żwieġ iżda kien kollu għalxejn u għalhekk fetħet din il-kawża.

Għaldaqstant l-intimat C B jgħid lil din il-Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi B u dan għall-ħtijiet ta' C B;

2. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri D tkun fdata f'idejn ir-rikorrenti;

3. Takkorda lir-rikorrenti u lil bintha minuri D dak il-manteniment xieraq skond il-liġi liema manteniment għandu jinqata' direttament mill-paga tal-intimat u tiġi mħallsa mill-*employer* tal-intimat direttament lir-rikorrenti A B;

4. Tordna l-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti lill-kontendenti f'dawk l-ishma li din il-Qorti jidhrilha xierqa u skond il-liġi;

5. Tordna li l-partijiet jieħdu l-oġġetti parafernali dovuti lilhom;

6. Tordna li r-rikorrenti u bintha jibqgħu jgħixu fil-fond matrimonjali u ċjoe' *omissis* u dan b'eskluzjoni tal-intimat.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut ppreżentata fit-28 ta' Novembru 2006, li permezz tagħha eċċepixxa:

Ili in kwantu bażata fuq l-allegazzjoni li l-eċċepjenti rrenda l-konvivenza bejn il-kontendenti impossibbli minħabba eċċessi, moħqrija, theddid, sevizzji, u nġurji gravi fil-konfront tal-attriċi, l-ewwel talba attriċi għandha tiġi miċħuda billi ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser unikament bi ħtijiet tal-attriċi.

Illi l-eċċepjenti jaqbel li tiġi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn u martu, pero' dan minħabba ħtijiet tal-istess attriċi.

Illi in kwantu qed titlob li l-kura u l-kustodja tal-minuri DB tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi, it-tieni talba attriċi għandha tiġi miċħuda.

Illi t-tielet talba attriċi in kwantu qed titlob li din il-Qorti tiffissa manteniment lill-istess attriċi, għandha tiġi miċħuda billi hija għandha tipprovdi hi għall-bżonnijiet tagħha nnifisha skont il-meżżi u l-ħiliet tagħha.

Illi dwar l-istess talba in kwantu tirriferi għall-manteniment tal-minuri DB, din il-Qorti għandha tiċħadha kif magħmulha u minflok tordna li l-kontendenti jikkontribwixxu b'mod ugwali għall-bżonnijiet ta' binthom minuri komuni.

Illi l-eċċepjenti jaqbel li għandha tiġi xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u li din tiġi likwidata u maqsuma skond l-ishma rispettivi tal-partijiet.

Illi l-esponent jaqbel li l-ħames talba għandha tiġi milqugħa wara li tiġi aċċertata l-konsistenza rispettiva tal-assi parafernali tal-partijiet.

Illi s-sitt talba għandha tiġi miċħuda billi l-attriċi diġa' qiegħda b'għażla tagħha tirrisjedi f'dar oħra, u l-eċċepjenti sallum m'għandux post alternattiv fejn jirrisjedi. F'kull każ il-partijiet ġja' kienu qablu li d-dar għandha tinbiegħ biex bir-rikavat dovut lilha, kull parti jkollha l-meżżi biex tistabbilixxi residenza alternattiva.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda

Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn ippremetta:

Illi l-kontendenti żżewġu fit-tnejn u għoxrin (22) ta’ Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003);

Illi l-attriċi rrendiet ruħha ħatja fil-konfront tal-esponent konvenut ta’ eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi, u l-ħajja flimkien ma għadhiex aktar possibbli minħabba li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment bi ħtija tal-istess attriċi.

Illi minn dan iż-żwieġ il-kontendenti kellhom tifla unika DB.

Illi l-eċċepjenti konvenut għalhekk jitlob bir-rispett li, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti jogħġobha:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għar-raġunijiet imputtabli unikament lill-attriċi;

2. tafda l-kura u l-kustodja tal-bin minuri tal-kontendenti, li jisimha DB, liż-żewġ partijiet flimkien u tiffissa hi l-modalitajiet għall-eżerċizzju tal-istess;

3. tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f’żewġ porzjonijiet skond l-ishma rispettivi u tassenja waħda lill-konvenut u l-oħra lill-attriċi;

4. tordna l-bejgħ tal-fond matrimonjali bin-numru *omissis* proprjeta’ parafernali tal-partijiet, u wara li jitħallsu l-krediti kollha parafernali u tal-komunjoni, tassenja lil kull parti s-sehem li jirriżulta dovut lilha;

5. tikkundanna lill-attriċi sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss, tikkonsenja lill-konvenut l-oġġetti kollha parafernali, inklużi flus u krediti oħra, u fin-nuqqas, tikkundannaha tħallsu l-valur tagħhom, okkorrendo permezz ta’ perit nominandi;

6. tapplika kontra l-attriċi d-dispożizzjonijiet tal-artikoli tmienja u erbgħin (48), wieħed u ħamsin (51) u tlieta u ħamsin (53) tal-Kodiċi Ċivili.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi li tibqa' nġunta minn issa għas-subizzjoni.

Rat illi l-attriċi ma ppreżentatx risposta għall-kontro-talba;

Rat l-affidavits preżentati mill-partijiet, fosthom dawk tagħhom stess;

Rat id-digrieti tagħha li permezz tagħhom ġew nominati l-Assistenti Ġudizzjarji Dottor Elena Naudi Depasquale u Dottor Tiziana Filletti biex jisimgħu l-provi;

Rat ukoll il-verbali tas-seduti li saru quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji msemmija;

Rat id- digrieti oħra tagħha fir-rigward tal-manteniment;

Rat ir-rikors tal-konvenut fejn talab li l-ewwel talba tiegħu titqies bħala talba għal divorzju *ai termini* tal-artikolu 66F (1) tal-Kodiċi Ċivili, liema talba ġiet opposta mill-attriċi;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut awtoriżżata mid-digriet tas-26 ta' Marzu 2013, u l-verbal tas-seduta tas-26 ta' Marzu 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġja' ngħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni mingħand żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet; il-konvenut da parti tiegħu jaqbel li għandha tiġi ppronunzjata s-separazzjoni iżda għal raġunijiet imputabbli lill-attriċi; anzi huwa ppropona kontro-talba. F'dan ir-rigward l-attriċi ma ppreżentatx risposta u l-konvenut qed jgħid fin-nota tiegħu li billi hija kontumaċi t-talbiet tiegħu ġew ammessi. Dan mhux korrett; **kontumaċja hija kontestazzjoni** u f'każ bħal din fejn l-attriċi ressqet il-provi tagħha billi l-kawża ppropunitha hija

stess, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti.

Illi l-kawża naturalment kienet kontestata sew u l-Qorti setgħet tara li l-partjiet irrispondew lil xulxin dwar l-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta' xulxin. Il-Qorti setgħet tinnota speċjalment fit-trattazzjoni skritta li l-aktar kwistjonijiet li kienet dibattuta huma dwar manteniment u fir-rigward il-proprjeta' tad-dar konjugali.  Il-Qorti għalhekk se tittratta l-vertenzi f'paragrafi għalihom.  Fir-rigward tal-minuri għall- anqas ma nqalgħux is-soliti kwistjonijiet fil-kors tal-kawża għaliex l-istess minuri baqgħet dejjem fil-kura tal-attriċi bis-solitu aċċess.

**TORT**

Illi kif ġja' ngħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ; l-attriċi fl-affidavit tagħha tgħid illi:

*"Mhux minnu dak li qed jgħid ir-raġel li wara li twieldet it-tifla jiena ridtu jagħmel dak kollu li ridt jien.  Anzi bil-maqlub.  Tant li jien kont noqgħod l-Imqabba u biex hu jkun qrib t'ommu kelli mmur noqgħod ... omissis.  Jien aktar xtaqt li mmur ... omissis.  Hu dejjem irid li kollox isir kif jgħid hu jew kif tgħid ommu.*

*C kien vjolenti miegħi u anke ġieli sawwatni.  Kellu lsienu jaqta' ħafna u anke ġieli offendieni b'missieri.*

*Fl-okkażjoni li qed isemmi meta ġbidtlu subgħajh, ngħid li dak inhar ġbidtlu sebgħa wieħed u mhux tnejn.  Dan wara li kien ilu jsawwatni, iġebbidli xagħari u anke tani daqqiet bis-sieq sa fuq irkopptejja u anke benġilni.  Kont anke mort l-għassa u għamilt rapport.  Il-pulizija kienu jafu u qalli li kien ser ikellmu.  Dan kien PC399.  Ma naftx jekk ir-rapport kitbux pero' tani karta li qegħda nesebiha bħala 'DOK MY' li fiha hemm kitba ta' PC399 fejn kiteb fejn għandi mmur jekk l-għassa ta' ... omissis tkun magħluqa. Kiteb in-numru tat-telefon.*

*Ngħid li mhux minnu li jien kissirt l-għamara għaliex jien żgur li ma ridtx ħsara fid-dar għaliex jien kont ħdimt daqsu biex xtrajnihom.  L-inkwadru ta' wara l-bieb kien kissru hu*

*meta kellna xi ngħidu, fetah il-bieb bil-herra u laqat l-inkwadru bil-bieb, waqa' u nkiser. Tant li kien hu li sewwih.*

*Dwar l-enamel tal-cooker hemm farka żgħira mtajra jew għamilha hu. Tant hi zgħira li qatt ma tajt każha.*

*Il-bieba tal-cupboard difettuża u l-ħin kollu tinqala'. Il-bieb tal-ispare bedroom ma nafx li għandu ħsara pero' dan il-bieb jużah hu biss. Din il-kamra għadha msakkra sal-lum għaliex isakkarha għax jorqod ġo fiha sa minn mindu żżewwiġna.*

*Hija gidba kbira dak li qal ir-raġel li ma kontx insajjar, naħsel jew ngħaddi l-ħwejjeġ. Jien kont dejjem id-dar u kont nagħmel il-faċendi kollha, mit-Tnejn sal-Ħadd. Hu ma kienx jagħti każ u lanqas kien ikun irid naħsel il-ħwejjeġ li jkun libes. Kien jgħidli: 'Mhux darba lbisthom'. Għax-xogħol kont nagħtih 'jeans' nadif kuljum.*

*Kont insajjarlu u ma kienx jieklu għaliex kien jiekol mingħand ommu. F'nofsinhar ma kienx jiġi d-dar jiekol, irrifjuta jiġi jiekol id-dar u kien imur jiekol għandha. Fil-għaxija ħafna drabi, lanqas kien jieklu l-ikel u kont jew narmih jew nieklu l-għada f'nofsinhar jien. Għalkemm iżżewweġ baqa' l-ħin kollu irid imur għand ommu.*

*Ngħid li mhux minnu li f'xi ħin tlaqt mid-dar taż-żwieġ imma bqajt dejjem hemm u għadni nkun id-dar kuljum u norqod hemm. Ġieli rqadt xi jumejn għand ommi fil-weekend.*

*Hu rritorna d-dar fit-3 ta' Novembru 2006 meta deherna l-Qorti. Jiġi biss biex jorqod f'kamra għalih.*

*Jien kont mort darba għal 'counselling' pero hu baqa' ma bidillx ħajtu u baqa' jsawwatni u għalhekk ma kienx hemm aktar skop tal-counselling għax ħassejt li hu kellu jibdel ħajtu, għaliex bil-counselling waħdu ma stajniex niftehmu. Lanqas kien ikun irid li mmorru flimkien għal counselling miegħu fil-karozza – kien irid mmur b'tal-linja b'tifla żgħira minn ... omissis għall-Furjana.*

*Dwar it-tifla din dejjem jien ħadt ħsiebha. Għandha biss tlett snin u l-ħin kollu miegħi. Hu dejjem għand ommu u peress li jaħdem ma jistax jieħu ħsiebha. Hu qed jeħodha l-Erbgħa u l-Ħadd. L-Erbgħa fis-7:00 pm sad-9:00 pm, u l-Ħadd mill-10:00 am sa 12:00 pm. Jiena ma nistax immur naħdem. L-ewwel għaliex nixtieq nagħti l-attenzjoni kollha lit-tifla, u t-tieni għaliex il-VF (Malta) Ltd fejn kont naħdem kienet jew għalqet jew keċċiet ħafna nies."*

Illi min-naħa tiegħu il-konvenut fl-affidavit tiegħu jgħid illi:

*"Wara li twieldet it-tifla, il-mara nbidlet mill-lejl għan-nhar. Bdiet ma tagħtix każi u bidet tippretendi li nagħmel dak kollu li riedet hi. Spiss kienet tinfexx tidgħi u toffendini bi kliem ħażin jew vulgari, u bil-familjari tieghi. Kont naraha trid tipprovokani u kien jiddispjaċini. Tant kienet tgħajjat speċjalment meta tkellimni ħażin, li kont inħoss li qed tagħmel apposta biex jisimgħuha l-ġirien u tavvelini magħhom. Kienet toħroġ tgħajjat apposta fil-bitħa, jew tiftaħ it-twieqi. Assolutament mhux veru li jien kont insawwatha jew nerfa' jdejja fuqha. Matul iż-żwieġ darbtejn biss kelna argument li spiċċajna f'xulxin, u kienet hi li tiġi biex tiggranfani. F'okkażjoni minnhom, saħansitra kisritli subajja tant li kelli noperah u llum ma għadux b'saħħtu tant li ma nistax nagħmel ċertu xogħol manwali. Fil-fatt bqajt inbati minn diżabilita' permanenti f'subajja.*

*Mill-ħażin bdejn sejrin dejjem għall-agħar. Il-mara bdiet anke tkisser u tagħmel ħsarat apposta fid-dar. Hekk per eżempju darba minnhom kissret l-inkwadru ta' barra, tajret l-enamel tal-cooker, qalgħet diversi drabi l-bieba tal-cupboard fil-kamra tal-pranzu u barxet apposta l-bieb ta' barra. Dan minbarra t-tisbit kontinwu u forzuż tal-bieb tal-ispare bedroom u tal-bieba tal-kommodina tal-kamra tas-sodda bil-għan li tipprova tipprovokani.*

*Minħabba li s-sitwazzjoni ħżienet tant u biex nipprova nevita l-konfronti, kont ħriġt mill-kamra tas-sodda u mort norqod f'kamra oħra. Ftit wara bdiet din is-separazzjoni. F'dan iż-żmien kienet tgħajjarni pufta u tgħajjarni li kienet*

*laħqet fejn riedet għaliex issa kien ser ikolli mmantniha jien għal għomorha. Kienet taqta' idha u toffendini u tkellimni ħażin. Il-kliem oxxen li kienet tgħid bilkemm jitwemmen. Kienet tgħajjarni u toffendini bil-familja, speċjalment b'ommi. Waqt li qabel iż-żwieġ kienet tmur tajjeb ħafna ma ommi, minn meta bdiet is-separazzjoni ommi saret il-kaġun ta' kollox. Saħansitra kienet tgħajjarha għaliex tmur il-quddies kuljum. Jiena trabbejt niffrekwenta l-knisja u anke jien immur il-quddies kuljum. Dan ukoll sar tort f'għajnejn marti, li kienet tgħajjarni li "nibla' l-ostji u nagħmel ix-xjaten".*

*Intant hija ma baqgħet tagħmel xejn fid-dar. Diġa' kienet tirrifjuta li twettaq dmirijiet normali ta' mara tad-dar. Issa bdiet ma tagħmel xejn. La ssajjar, la taħsel u tieħu ħsieb il-ħwejjeg, u minflok kienet tħalli diżordni sħiħ. Jiena kont nipprova nieħu ħsieb il-bżonnijiet ta' kuljum meta niġi mix-xogħol. Fejn ma stajtx nagħmel jien, kelli nirrikorri għandi ommi. Kont għamilt xhur naħsel u ngħaddi l-ħwejjeġ jiena.*

*Bdiet issakkar il-kamra tas-sodda u lanqas il-kamra tal-banju ma stajt nuża' tant li kemm-il darba kelli ninħasel fil-garaxx, u fix-xitwa minħabba li kelli bżonn l-ilma sħun ġieli kont immur ninħasel għand ommi.*

*Qabel bdiet is-separazzjoni il-mara kienet għamlet ġimgħa għand oħtha. Bilfors li għawwietha kontra tiegħi għaliex meta mort inkellem lil oħtha, anqas biss riedet iddaħħalni u bdiet tgħajjarni kiesaħ u kliem ieħor. Dan meta sa dakinhar kienet tirrispettani u kemm-il darba hi u żewġha kienu jistednuni għandhom.*

*Meta bdiet is-separazzjoni telqet għal kollox mid-dar; għamlet aktar minn sena ma tiġix id-dar. Kienet tiġi biss darba fix-xahar, u meta tiġi ġġorr dak li deherilha li kien tagħha.*

*B'hekk spiċċat ħadet kollox li kienet ġabet magħha minn qabel iż-żwieġ, jew li xtrat hi matul iż-żwieġ. Kienet marret toqgħod għal kollox għand ommha l-Imqabba, u anke lit-tifla kitbitha l-iskola tal-Imqabba. Pero' wara*

*reġgħet ħassritha fuq parir li kellha. Dan l-aħħar reġgħet bdiet tiġi nhar ta' Tnejn jew Tlieta u tagħmel sal-Ġimgħa meta terġa' titlaq u tiġi tlett ijiem wara. Id-dar ma tantx toqgħod u tażha biss biex tagħmel il-ħasla u l-bżonnijiet l-oħra tagħha. Jiena bqajt dejjem noqgħod id-dar, pero' meta tkun hemm il-mara nipprova nevitha biex ma jinqalgħux argumenti u tibda tgħajjat u titkellem ħażin.*

*Nixtieq ngħid li sa l-aħħar kont pruvajt insalva ż-żwieġ u nsib soluzzjoni għall-problemi li kellna. Kont mort għal counselling Ta' Kana, għand il-counsellor Mary Cassar, pero' l-mara ma kkoperatx u waqfet. Jiena sibt l-għajnuna Ta' Kana u għadni sal-lum immur counselling u fis-support group tas-separati.*

*Irrid ngħid ukoll li marti dejjem ħadmet qabel iż-żwieġ u anke fiż-żwieġ sakemm twieldet it-tifla. Għalkemm hija tgħid li m'għandha xejn u trid tgħix bil-manteniment, hija stess qaltli li ma tridx taħdem biex tgħix minn fuq dahri."*

Illi l-Qorti wara li eżaminat sewwa l-atti, jidhrilha li ż-żwieġ tkisser prinċipalment minħabba l-aspettattivi diversi li kellhom il-partijiet miż-żwieġ, u inkompatibbilta' ċara ta' karattru. L-affidavits ċitati jindikaw sewwa l-problemi li kellhom il-partijiet, l-aktar mill-aspett karatterjali tant li spiċċaw dejjem jiġġieldu b'mod aħrax. Il-Qorti jidhrilha li f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa evidenti li l-partijiet ma kienux addattati biex jgħixu flimkien.

Għaldaqstant il-Qorti tħoss li l-partijiet t-tnejn jaħtu għat-tifrik taż-żwieġ u spiccaw jgħixu ġo *'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune'* **("Caterina Agius vs Benedict Agius" –** deċiża mill-Prim' Awla fit-13 ta' Ġunju 1967). Ma ssibx għalhekk li l-attriċi ħatja li abbandunat mingħajr raġuni d-dar matrimonjali.

**KURA U KUSTODJA**

Illi kif ġja' ngħad l-attriċi għandha l-kura tal-minuri, u l-Qorti se tikkonferma dan għaliex ma hemm ebda raġuni biex isir xi tibdil; il-konvenut għandu jkollu aċċess raġonevoli bi

qbil. Skond diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell kustodja konġunta kważi dejjem tikkawża aktar problem u għandha tiġi allura evitata.

**MANTENIMENT**

Illi l-konvenut qed jinsisti ħafna li ma għandux iħallas manteniment lill-attriċi għaliex skond hu għandha toħroġ taħdem, anzi jgħid li fil-fatt qed taħdem u esebixxa ritratti tagħha li juruha waqt li qed taħsel twieqi u galleriji ta' xi appartamenti. Skond l-aħħar digriet tal-Qorti fir-rigward mogħti fit-30 ta' Ġunju 2010, il-konvenut hu obbligat iħallas is-somma ta' mitejn disa' u ħamsin ewro u disa' u għoxrin ċenteżmu (€259.29) u mija u sittin ewro (€160) mensilment għall-attriċi u l-minuri rispettivament.

Illi l-Qorti ma taqbel xejn mal-argument tal-konvenut. Huwa minnu li l-attriċi ma għandiex tibqa' tiddependi mill-manteniment ta' żewġha għal dejjem u għadha f'eta fejn tista' tibda tippjana għal dan. Madankollu tapprezza li mhux faċli għaliha bħalissa li tagħmel dan speċjalment in vista tal-fatt li l-minuri għadha ta' eta' żgħira ħafna u l-attriċi ma għandhiex sfortunatament formazzjoni edukattiva biex issib impjieg diċenti u li jippermettilha taħdem u fl-istess ħin tibqa' tieħu ħsieb lil bintha sew. Il-fatt li qed tmur *taħsel għand in-nies semmai* juri illi ma tantx għaddejja tajjeb bil-manteniment li qed tirċievi (jidher ukoll mill-atti li l-konvenut ma tantx hu puntwali fil-ħlas anzi li kien għalih ma jħallas xejn!). Il-fatt li l-attriċi qed tagħmel xogħol hekk umli għal ġid tagħha u ta' bintha anzi jirrifletti tajjeb fuqha. Għalhekk se tħalli l-manteniment ftit jew wisq kif inhu (se tbiddel l-ammonti dovuti għall-attriċi u l-minuri u tiffissahom għal mitejn ewro (€200) għall-attriċi u mitejn u għoxrin ewro (€220) għall-minuri), u tordna lill-konvenut jibqa' jħallas *rebus sic standibus*.

**PROPRJETA'**

**Beni immobbli**;

Il-partijiet xtraw il-fond li kien id-dar matrimonjali tagħhom flimkien, u ma jissemma xejn fil-kuntratt dwar ishma. Għalhekk kuntrarjament għal dak li qed jallega l-konvenut dan ifisser li huma ko-proprjetarji f'ishma ndaqs. Il-konvenut b'argument simplistiku qed jippretendi li hu

għandu kważi disgħin fil-mija (90%) tal-fond għaliex skond il-konteġġi tiegħu huwa b'kollox ħareġ din il-proporzjon ta' flus fuq l-istess proprjeta'. Ma hemmx għalfejn wieħed jgħid li dawn huma argument fallaċi. Dan apparti li ħafna mill-allegazzjonijiet tal-konvenut ma humiex sorretti minn xi forma ta' provi oħra dokumentarji. Anzi biex donnu jkompli jindika li jrid jibla' kollox anke dak li mhux tiegħu, il-konvenut l-ewwel jgħid li għandu sebgħa u tmenin punt sebgħa u tmenin fil-mija (87.87 %) tal-proprjeta' u jkompli jżid li għandu kreditu ta' aktar minn tletin elf Liri Maltin (LM30,000) għaliex ħareġ dan l-ammont għax-xiri tiegħu! (fol 780).

Illi l-artikolu 490 tal-Kodiċi Ċivili msemmi mill-konvenut fin-nota tiegħu jwassal għal din il-konklużjoni, u ċjoe' li l-partijiet huma ko-proprjetarji f'sehem indaqs, u mhux għal dak li qed jippretendi l-konvenut. Il-Qorti naturalment se tordna l-bejgħ tad-dar biex kull parti tieħu sehmha; naturalment jekk hemm xi parti li għandha kreditu dan għandu jkollha dritt tipprelevah.

Illi kif ingħad, l-attur jgħid li ħareġ disgħa u għoxrin elf Liri Maltin (LM29,000) meta xtraw il-fond imsemmi; li ma jgħidx hu li l-konvenuta ndubbjament ħarġet għoxrin elf Liri Maltin (LM20,000). Għalhekk il-Qorti se tawtorizzah jippreleva s-somma ta' disat elef liri Maltin (LM9,000) u allura għoxrin elf disa' mija u sebgħin Ewro (€20,970) (għax dan ma huwiex kreditu kontra l-komunjoni). Il-Qorti taċċetta wkoll li hu ntitolat għal ċirka tlett elef Ewro (€3,000) oħra għal xogħlijiet li għamel u xi spejjeż oħra ndikati minnu. B'kollox għalhekk għandu jippreleva s-somma ta' tlieta u għoxrin elf disa' mija u sebgħin Ewro (€23,970). It-tfettiq l-ieħor tal-konvenut fir-rigward ta' dan indikat fin-nota tiegħu lill-Qorti ma jikkonvinċuhiex anke għal raġunijiet li se jissemmew aktar 'il quddiem.

**Beni mobbli;**
Illi l-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji li naturalment għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom.

Illi l-konvenut fin-nota tiegħu jagħmel ukoll riferenza għal ċerti spejjeż oħra li qed jgħid li għandu jieħu lura. Fil-

fehma tal-Qorti barra li dawn huma kollha ħlasjiiet fil-kors normali tal-ħajja u allura parti mill-ispejjeż li saru mill-komunjoni għall-komunjoni u għall-ħajja ta’ kuljum huma wkoll indikazzjoni tal-attitudni tal-konvenut li jqis dak li jaqla’ mis-salarju bħala tiegħu, u tiegħu biss. Anzi jqis lil martu u lil bintu bħala persuni li lejhom ma għandu doveri ta’ xejn *oltre* milli ndikazzjoni ta’ xeħħa – attitudni li kienet probabbilment ukoll kawża tat-tifrik taż-żwieġ. Ma hemmx lok allura għall-applikazzjoni tal-artikoli 48 ’il quddiem tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-attriċi.

Illi l-beni l-oħra mobbli li kien hemm fid-dar jidher li nqasmu ġja’. Xi oġġetti li jitwaħħlu għandhom jinbiegħu mad-dar (eżempju *airconditioner* u l-kċina); jibqa’ biss kamra tas-sodda tat-tfal li tiġi assenjata lill-attriċi u mejda u siġġijiet assenjati lill-konvenut.

Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li hemm l-estremi biex tapplika l-effetti tal-artikolu 48 *et sequitur* u lanqas ma hemm lok li xi parti tiġi assenjata d-dritt ta’ abitazzjoni tad-dar matrimonjali.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi:**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti iżda b’tort tal-partijiet indaqs u tawtorizzahom jgħixu separatament minn xulxin;**

**2. Tilqa’ t-tieni talba b’dan li l-konvenut ikollu dritt t’aċċess liberu bi ftehim;**

**3. Tordna li l-konvenut b’effett mill-1 ta’ Lulju 2013 iħallas lill-attriċi manteniment ta’ mitejn Ewro (€200) fix-xahar għaliha stess, u mitejn u għoxrin Ewro (€220) għall-minuri;**

**4. Fir-rigward tar-raba’ talba, tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tordna l-bejgħ tal-fond numru … *omissis* u tordna li r-rikavat għandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet b’dan li l-**

**konvenut jippreleva s-somma ta' tlieta u għoxrin elf disa' mija u sebgħin Ewro (€23,970). Il-Qorti tinnomina lill-AIC Mario Cassar biex jistma l-fond in kwistjoni; il-kontijiet kollha bankarji lokali kif ukoll bonds, poloz t'assikurazzjoni u investimenti oħra kollha f'Malta kemm f'isem il-partijiet waħedhom jew konġuntivament għandhom jinqasmu f'sehem indaqs bejniethom;**

**5. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames talba minħabba nuqqas ta' provi;**

**6. Tiċħad is-sitt talba.**

**Illi fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenut tiddeċiedi billi:**

**1. Tilqa' l-ewwel talba għar-raġunijiet ġja' msemmija; tiċħad it-talba tal-konvenut biex tiddikjara d-divorzju f'dan l-istadju għaliex ma hemmx prova li ma hemmx manteniment pendenti;**

**2. Tiċħad it-tieni talba iżda tordna li l-konvenut ikollu aċċess liberu bi ftehim;**

**3. Tilqa' t-tielet u raba' talba kif spjegat aktar qabel;**

**4. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames talba minħabba nuqqas ta' provi;**

**5. Tiċħad is-sitt talba;**

**L-ispejjeż tal-kawża (inkluż dawk tal-kontro-talba) għandhom jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------